# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Citazzjoni Numru: 1174/2003/LSO**

**Shalmi Bakery Limited**

**vs**

**Louis Mula**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn gie premess:-

Illi nhar is-26 ta' Novembru 2000 Martin Tonna ghan-nom u in rapprezentanza ta' Shalmi Bakery Ltd lahaq ftehim ma' Louis Mula in konnessjoni mat-twellija tal-forn li jinsab f' numru hamsa (5) Triq il-Gnien, Qormi ghal prezz ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) li minnhom thallsu ghaxra fil-mija u cioe` elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200), Dok "A".

Illi fit-23 ta' Dicembru 2000, Louis Mula insista mal-attur li ried jibda jahdem wahdu fil-forn minkeija li kien ghad kellu jitghallem certu xoghol kif ukoll li jsir jaf x'xoghol kellu jsir u lil min jinbiegh.

Illi fl-istess gurnata l-attur u l-konvenut iffirmaw skrittura datata l-istess, u cioe` 23 ta' Dicembru 2000, fejn l-istess Louis Mula qabel li kellu jhallas lill-attur Lm4.40 kuljum *stante* l-fatt li l-attur kien ga hallas il-kera lis-sid sal-4 ta' Marzu 2001, *oltre* li jhallas il-bilanc ta' Lm12,000, u cioe` Lm10,800, kopja ta' liema skrittura hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok "B".

Illi minkejja diversi tentattivi sabiex jersqu ghal kuntratt, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata Frar 2001, (Dok "C") Louis Mula baqa' inadempjenti.

Illi eventwalment Louis Mula naqas milli jiehu l-forn, tant illi iltqaghu nhar l-10 ta' Frar 2001, u fil-prezenza tal-Avukat Dott. Michael Tanti Dougall iffirmaw xi dokumenti minghajr pregudizzju, inkluz inventarju, lista ta' klijenti, u r-*reading*

tal-arlogg tal-ilma u tad-dawl, li kopji taghhom huma annessi u mmarkati bhal Dok. “D”, Dok. “E” u Dok. “F” rispettivament.

Illi mis-26 ta’ Dicembru 2000 sal-10 ta’ Frar 2001, ix-xoghol tant kien naqas, li minn sitt xkejjer u nofs dqiq kuljum, Louis Mula kien spicca jahdem biss xkora dqiq kuljum.

Illi n-nuqqas ta’ sengha u hila ta’ Louis Mula wasslu biex l-intimat mhux biss qatel ix-xoghol tal-forn, izda ukoll waqqa’ l-avvjament tal-istess forn, minbarra li ghamel hsarat fil-forn per ritratti esebiti u mmarkati bhala Dok “G”, “H” u “I”.

Illi tul il-perjodu li l-forn kien f’idejn Louis Mula, l-istess irrifjuta li jhallas dak dovut lill-attur, b’mod illi l-intimat ghamel uzu mill-forn minghajr ma hallas la lill-attur, u wisq anqas id-dawl u l-ilma kkunsmat minnu fl-istess perjodu, u s-servizz u l-uzu tat-telefon, dan *oltre* hsarat ikkagunati fl-istess forn.

Illi tul il-perjodu li l-forn dam ghand Louis Mula l-attur sofra telf.

Illi l-ksur tal-ftehim mill-intimat wassal sabiex l-attur ma rceviex il-flus li ppjana li jdahhal u ghaldaqstant kellu jhassar negozju b’konsegwenza ta’ telf ta’ flus.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur sofra finanzjarjament minhabba nuqqas serju da parti tal-konvenut, kif fuq premess.

2. Tiddikjara illi tali sitwazzjoni hija biss responsabbilta' tal-konvenut.

3. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont hekk soffert mill-attur, kif fuq premess.

4. Tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-26 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Mula datata 29 ta' April 2004 a fol. 28 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta` attrici trid tipprova ghandhiex l-interess guridiku li tippromwovi l-istanza attrici u x'danni setghet sofriet meta m'ghandha l-ebda titolu fuq il-forn in kwistjoni.

2. Illi f'kull kaz l-istanza attrici hi perenta bit-trepass ta' sentejn *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-forn in kwistjoni dam f'idejn il-konvenut xahar biss peress li l-konvenut kien ikkonsenja lura c-cwievet ta' dan il-forn lil Martin Tonna, skont ma jirrizulta mid-Dokument "D" gja pprezentat mis-socjeta` attrici, tul liema perjodu l-konvenut la qatel ix-xoghol tal-forn, la waqqa' l-awjament tieghu u lanqas ma kkaguna xi hsarat fih jew danni ohra lis-socjeta` attrici kif qed tallega l-istess socjeta`.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 29 u tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-8 ta' Gunju 2004 sas-seduta tad-29 ta' Novembru 2005 u x-xhieda kollha hemm prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-6 ta' April 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Richard Sladden, sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u ddegretat li wara l-affidavits

tal-konvenut jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut u zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi kollox a spejjez provvizjorjament attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Simiana ghas-socjeta` attrici li talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u tat tletin (30) gurnata lis-socjeta` attrici sabiex tipprezenta n-nota, bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata ghan-nota tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2010.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Shalmi Bakery Limited datata 20 ta' Lulju 2010 a fol 397 tal-process.

Rat id-decizjoni moghtija tal-Qorti kif diversament preseduta tat-30 ta' Novembru 2010 fejn ikkonkludiet :

*"Il-Qorti,*

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti,* ***taqta' u tiddeciedi,*** *billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li s-socjeta` attrici ma ghandhiex interess guridiku, u fil-waqt li tilqa' wkoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li l-istanza attrici hija preskritta bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-****artikolu 2153 tal-Kap. 16, tichad it-talbiet attrici*** *ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 31 ta' Ottubru 2014 u li permezz tal-istess din il-kawza giet rinvijata lura fil-Prim'Awla u l-Qorti appuntat din il-kawza ghas-smigh ghat-12 ta' Mejju 2015.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tas-6 ta' Ottubru 2015 (fol 7) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Lydia Zerafa ghall-intimat prezenti u Dr Mario Calleja ghas-socjeta` attrici. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza minghajr trattazzjoni ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2016.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` attrici qed titlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni allegatament sofferti b'konsegwenza li l-konvenut naqas li jersaq ghall-kuntratt notarili sabiex isir il-kuntratt ta' twellija miftiehem. Dan il-kuntratt kellu jsir, skont zewg skritturi antecedenti, (**Dok A2** u **Dok B)** sat-tieni gimgha ta' Jannar 2001.

Il-konvenut kien laqa' b'zewg eccezzjonijiet preliminari li gew decizi mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014, li rrevokat fl-intier taghha s-sentenza tal-Prim' Awla kif diversament preseduta, u rrinvijat l-atti sabiex jigi deciz

il-mertu, u cjoe` dak eccepit fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut, li sostna li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-forn in kwistjoni kien dam f'idejh biss xahar, sa ma rritorna c-cwievet lura lil Martin Tonna u ma kkaguna l-ebda hsarat, jew danni u lanqas ma waqqa' l-avvjament tal-post.

**Fatti:**

Il-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti. Il-konvenut kien iffirma flimkien mas-socjeta` attrici, skrittura privata **Dok B** (fol 8) datata t-23 ta' Dicembru 2000, ghall-avvjament tal-forn, mertu tal-kaz odjern. Ma' din l-iskrittura, l-konvenut Mula ha c-cwievet tal-fond u dam fih xahar sakemm irritorna c-cwievet lil Tonna, hekk kif jirrizulta minn **Dok D** (fol 10), u naqas milli jiffirma l-kuntratt finali ghand in-Nutar, hekk kif kien gie miftiehem li jaghmel skont l-iskrittura ta' bejniethom, esebita a fol 8. Is-socjeta` attrici sostniet li konsegwentement, sofriet danni konsistenti f'tiswijiet lill-forn wara hsara li saritlu minn Mula, u elenku ohrajn ta' danni allegatament subiti hekk kif elenkati fir-rikors promotur.

**Konstatazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell dwar il-ftehim.**

Illi is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kienet limitata fuq iz-zewg eccezzjonijiet preliminari billi sabet li l-mertu tal-kawza kien ghadu ma giex deciz mill-ewwel Qorti. Madanakollu ikkonkludiet li "*l-azzjoni attrici hija wahda ex*

*contractu u bbazata fuq kuntratt de ineundo contracto."* Dan wara li kkonsidrat:

"*Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici tghid li dahlet fi ftehim mal-konvenut ghat-twellija ta' forn f'Hal Qormi. Dan il-ftehim sehh b'kitba tas-26 ta' Novembru 2000, il-kuntratt finali kellu jsit sat-tieni gimgha ta' Jannar 2001; mal-ftehim, il-konvenut hallas parti minn ghaxra tal-prezz.Fil-frattemp kienet saret skrittura ohra fit-23 ta' Dicembru 2000 fejn il-konvenut accetta x'ghandu jhallas lis-socjeta` attrici ghall-uzu li kien sejjer jaghmel tal-forn, u inghata l-permess li jibda jmexxi n-negozju marbut mal-forn."*

Din il-Qorti taqbel mal-karatterizzazzjoni tal-ftehim bejn il-kontendenti bhala kuntratt, ghalkemm preliminari, u ser taghmel l-apprezzament taghha abbazi ta' dawn il-kostatazzjonijiet.

**<u>Provi:</u>**

**Martin Tonna** xehed b'affidavit (fol 33-38) u qal li hu ried iwelli l-forn fi triq il-Gnien, Qormi, peress li minhabba ragunijiet ta' sahha ma setax ikompli jahdem fil-forn. Kien gie sensar li ressaqlu lil Louis Mula l-konvenut, u qallu li kien interessat. Illi Louis Mula kien baqa' jmur il-forn kuljum, sa ma' ftehmu li jiehu l-forn, bil-magni u l-apparat kollu, u jhallas l-ammont ta' tnax-il elf Liri Maltin (Lm12,000). Kienu ghamlu lista tal-magna u apparat fil-fond bil-miktub, u mbaghad Mula kien ghaddielu cekk ta'

elf, u mitejn Liri Maltin (Lm1,200). Qal li kien gie flimkien ma' certu Ray Formosa li kien Bank Manager, u kien hemm prezenti, Charles Zahra. Semma li l-konvenut kien qallu li xtaq jibda jahdem mill-forn qabel ihallas l-ammont kollu, u ghalhekk iffirmaw skrittura privata bejniethom, (fol 8) izda sussegwentement Mula qatt ma deher biex jiffirma l-kuntratt. Hu kien cempillu biex imur jigbor ic-cavetta ghax ma kienx interessat aktar, u fl-10 ta' Frar 2001 iltaqghu, iffirmaw xi dokumenti fil-prezenza tal-avukat, inkluz il-qari tal-ilma u tad-dawl, u ha lura c-cavetta.

Qal ukoll li wara dik id-data, rrealizza li mis-sitt xkejjer dqiq kuljum li kien jahdem hu Mula kien fil-perjodu li dam hemm naqqas dan sa inqas minn xkora biss kuljum, u rrealizza wkoll kemm Mula kien jahdem b'sistema ferm differenti milli kien jahdem hu precedentement. Spjega li matul iz-zmien li dam hemm Mula, l-avvjament tal-forn waqa', apparti hsara kkagunata fil-forn innifsu, u meta kellu jerga' jbiegh dan il-forn kif fil-fatt ghamel, lil Yassine Ltd, il-prezz li bih biegh il-forn kien ta' sebat elef Liri Maltin (Lm7,000) u mhux iktar ta' tnax-il elf Liri Matlin (Lm12,000). Semma wkoll li wara li kien ircieva d-depozitu minghand il-konvenut, li kien dahal f'negozju ma' terzi dwar fond f'Rahal Gdid fejn kien ghamel spejjez ta' tlett elef Liri Maltin (Lm3,000), u peress li mbaghad ma kompliex ihallas *stante* li ma kienx gie konkluz il-kuntratt ma' Mula, ntalab jivvaka mill-fond f'Rahal Gdid ukoll.

In **kontro-ezami**,(fol 320-324[1]) qal, li l-forn gie f'idejh f'April 1995 u kien hadu b'cens minghand Dolores Perkiss, is-sid. Qal ukoll li m'ghandux ricevuti fiskali tal-ixkejjer li kien jixtri. Semma li jaf li Mula kien dejjem hadem f'forn. Spjega wkoll li t-terza persuna li kien ha hanut f'Rahal Gdid minghandha kienet Joanne Alfrida Grima u d-depozitu li rcieva minghand Mula kien tah lilha, izda m'ghamilx kuntratt maghha. Spjega li l-kuntratt finali ma' Mula ma sarx u Mula kien dam fil-fond mis-26 ta' Dicembru 2000 sal-10 ta' Frar 2001. Qal li meta Mula ha l-forn, ma kienx hemm hsara fil-forn.

Ipprezenta kuntratt ta' enfitewsi RS1 (fol 326-328). Irrefera ghall-*accounts* li pprezenta u qal li l-qligh qabel is-sena 2000 kien ghola minn dak tas-sena 2000, u li fl-ahhar snin kellu jnaqqas ftit ix-xoghol minhabba sahhtu.

**Joan Alfreda Tonna** xehdet b'affidavit (55-56) li hija mart Martin Tonna u li tiftakar lill-konvenut jigi l-forn, u meta kien beda jiggestixxi l-forn hu, hi u r-ragel kienu jmorru ighinuh biex jaghtuh *handover* u kienu jisimghu lil Mula ighid li ma jridx jahdem bil-lejl, li wassal wara biex il-hobz ma jkunx daqshekk frisk. Semmiet li fl-10 ta' Frar 2001, Mula kien qalilhom biex imorru ghac-cavetta peress li ma kienx interessat aktar. Spjegat li r-ragel taghha ma setax jibqa' jahdem fil-forn minhabba ragunijiet ta' sahha, u li meta Mula ma baqax fil-fond, r-ragel kien mar ihallas il-kont tat-telefon tal-forn in kwistjoni u l-kont kien tela' ghal tmien mitt

[1] Seduta tal-10 ta' Mejju 2007 quddiem il-Perit Legali Dr. Richard Sladden

Liri Maltin (Lm800), liema kont kien mahrug f'isem Mula stess.

**Anthony Zerafa** xehed b'affidavit (fol 59-60) u qal meta sema' li l-forn fi Triq il-Gnien kien ghat-twellija, kien kellem lill-konvenut, qallu li sablu forn tajjeb ghalih, u kien deher interessat, u meta ressaq lill-partijiet flimkien, konvenju ma kienx sar, izda, saret skrittura bejn il-partijiet, u lista ta' magni u apparat fil-forn, li kien iffirmaha hu ukoll flimkien mal-partijiet. Semma li xi zmien wara, kienu ghamlu zewg appuntamenti ghand in-Nutar Antoine Agius, izda l-konvenut ma kienx tfacca fl-ebda okkazjoni ghalkemm kienu baqghu jistennewh. Semma li meta l-konvenut, irritorna c-cwievet, kien mar ma' Martin Tonna u kienu hadu r-*readings* tad-dawl.

In **kontro-ezami** (fol 384-385[2]) qal li ma jafx ghalfejn Mula ma kompliex bil-forn u ma kienx gie jiffirma l-kuntratt ghand in-nutar.

**Emanuel Debono** xehed b'affidavit (fol 63) li hu kien iforni lil Martin Tonna bid-dqiq ghall-forn li jinsab fi Triq il-Gnien, Qormi, u wara beda jforni lil Louis Mula wkoll bl-ixkejjer tad-dqiq. Qal ukoll, li l-ammont ta' xkejjer tad-dqiq li kien talbu Mula kien naqas drastikament, minn sittin xkora li tah f'Dicembru, kien naqas ghal hmistax-il xkora f'Jannar.

[2] Seduta tat-30 ta' Jannar 2008 quddiem il-Perit Legali Dr. Richard Sladden.

**George Galdes** xehed b'affidavit (fol 68) u qal li xogholu jsewwi l-fran. Semma li Martin kien ikkuntatjah f' Marzu 2001 biex imur sal-forn u jara x'tiswijiet kellu bzonn. Qal li meta mar, ra xi hsarat kien fih u ghamel it-tiswijiet li swew madwar mitt Liri Maltin (LM100). Semma li kien mar jara xi hsara ghandu l-forn, fiz-zmien li kien hemm Mula u kien tah stima ta' tlett mitt Liri Maltin (Lm300) u ma giex imqabbad jaghmel ix-xoghol minn Mula.

**Mario Agius** xehed b'affidavit (fol 69) u qal li hu ghandu hanut ma genb il-forn ta' Martin Tonna, fi Triq il-Gnien, Qormi, u spjega li kien hu li gibed ir-ritratti ghall-habta ta' nofs Frar 2001, li kopja taghhhom esebiti mal-affidavit ta' Martin Tonna.

**Mary Agius** xehdet b'affidavit (fol 70) u qalet li kien ilha snin tixtri l-hobz minghand Martin Tonna, imbaghad Tonna kien introduciha ma' Mula li kien ha jibda jahmi l-hobz u jiehu post Tonna. Semmiet li baqghet tmur ghall-hobz, imma Mula kien darba minnhom informaha li kien se jgholli xi hobz, u xi gimgha wara kien ilmenta li l-bejgh tal-hobz kien naqas, u meta regghet marret sussegwentement sabet il-forn maghluq.

In **kontro-ezami** (fol 388[3]) qalet li hi dejjem baqghet tixtri l-hobz anke meta kien hemm Mula u xorta baqa' joghgobha u ma kellha l-ebda lmenti dwar il-hobz li kienet tixtri minghand Mula li kien ttajjeb.

[3] Seduta tat-28 ta' Settembru 2008 quddiem il-perit Legali Dr. Richard Sladden.

**Alexander Caruana** xehed b'affidavit (fol 71) li hu maghruf bhala l-bejjiegh ta' 'putirjal, u kien ilu jixtri l-hobz minghand Martin Tonna, u sussegwentement xtara l-hobz minghand Mula izda l-kwalita' ma baqghetx l-istess. Hu kien baqa' jixtri minghandu izda l-hobz baqa' ta' kwalita inferjuri, u ftit wara Mula ma kienx baqa' jbieghlu l-hobz.

**In-Nutar Dr. Antoine Agius** xehed (fol 75[4]) u qal li l-klijent tieghu kien Louis Mula, illi l-klijent l-iehor kien Martin Tonna kien mar ma' l-avukat tieghu Dr. Michael Tanti Dougall darbtejn biex isir il-ftehim dwar it-trasferiment tal-forn, izda Mula ma kienx gie ghall-kuntratt. Referut ghall-ipoteka tas-Sur Mula, qal li hu mghandux kopja taghha.

In kontro-ezami qal li meta Mula kien kellmu fuq din il-kwistjoni kien gablu *sanction letter* biex jaghmel ir-ricerki biex jaghmel il-kuntratt tal-*loan* tal-bank,u ghalkemm kellu jsir il-ftehim ghandu dwar it-twellija tal-forn, izda Mula ma deherx.

**Raymond Formosa** xehed (fol 87-90[5]) u qal li hu *Manager* il-Bank, u fir-rigward tas-Sur Mula, qal li kellu *loan* biex jiehu l-forn f' Hal Qormi, u l-loan kien ta' sittax-il elf Liri Maltin (Lm16,000). Hu esebixxa kopja tas-*sanction letter* (fol 97-99). Hu esebixxa wkoll *statement* bankarju, (fol 92-96) li juri kif inhargu l-pagamenti u c-cekkijiet, il-flus ingibdu

---

[4] Seduta tal-4 ta' Ottubru 2005
[5] Seduta tad-29 ta' Novembru 2005

kollha, meta ngibdu bdew ir-*repayments* skont is-*sanction letter.*

Hu esebixxa serje ohrajn ta' dokumenti bankarji mitluba minn (105-209) u mistoqsi jekk ghandux xi parentala mal-konvenut qal li le.

**Louis Mula** xehed (fol 276-292[6]) li hu ilu tletin sena furnar, u qal li minn mindu kien zghir kien f'dan il-mestier. Semma li kien cempillu sensar, Anthony Zerafa, li kien hajru jiehu l-forn fi Triq il-Gnien Qormi, u kien tkellem ma' Martin Tonna li assigurah li kien hemm xoghol ta' sitt xkejjer dqiq kuljum. Qal li kien tah depozitu ta' elf u mitejn Liri Maltin (Lm1,200) u ffirmaw skrittura bejniethom u kkonferma l-firma tieghu fuq din l-iskrittura. Qal li meta dahal u beda jahdem mill-forn, ra li ma tantx kien hemm xoghol mit-Tnejn sas-Sibt, u kien ikun hemm xoghol il-Hadd biss. Qal li kien hemm klijent, certu Alex li kien ibiegh Putirjal, li wara tlett gimghat ma baqax jixtri hobz minghandu. Qal li mill-kalkoli tieghu dan il-forn kellu xoghol ta' zewg xkejjer dqiq kuljum mhux kif kien qallu Martin Tonna.

Qal li kien gab lil George Galdes biex inaddaflu c-cumnija, li qallu kien hemm hofra fis-saqaf, u li l-'gulley' kien se jaqa', u meta pprova jnaddfu, beda jcedi. Spjega li hu dam fil-forn xahar u ghaxart ijiem, u rritorna c-cwievet fl-10 ta' Frar 2001. Qal li hu ma resaqx ghall-kuntratt ghax ra li l-forn ma kellux ix-xoghol li kien qal li kellu Tonna, u li lanqas

[6] Seduta tas-17 ta' Mejju 2006 u seduta tas-26 ta' Mejju 2006.

biss kien qallu min kien sid il-forn. Qal li kien talbu l-kera u d-dawl u l-ilma, hu rrispondieh biex jehodhom mid-depozitu li kien hallsu. Qal li wara sitt xhur sab forn iehor.

In **kontro-ezami** (fol 332-335) qal li hu minn dejjem hadem bhala furnar, u bhalissa qed jahdem f'*bakery* ta' lukanda. Izda, l-forn li ha minghand Martin kien l-ewwel forn li ggestixxa wahdu. Qal li l-bejgh kien ftit fost il-gimgha, kien ibiegh u hafna iktar il-Hdud. Qal li mhux minnu li kienu jigu 'hawkers' biex jixtru l-hobz minghandu. Qal li hu ddeccieda li ma jiffirmax u ma jkomplix b'dan il-forn ghax ra li ma kienx hemm qligh bizzejjed.

**Carmen Montebello** (fol 294- 296[7]) qalet li Louis Mula jigi r-ragel tat-tifla taghha, u hi gieli marret tghinu fil-forn, u matul il-gimgha ma tantx kien ikun hemm nies, u kienu jigu hafna nies il-Hadd peress li fran ohra f'Hal Qormi l-Hadd kienu jkunu maghluqin.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

**Talbiet tas-socjeta` attrici - responsabbilta` ghad-danni:**

Premess li kif jinghad fl-**Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili,** *"il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom*".

[7] Seduta tal-31 ta' Mejju 2006 quddiem il-Perit Legali Dr. Richard Sladden.

Issa hu principju tal-ligi li l-kolpa ta' l-inadempjenti hi prezunta. Dan a sensu **ta' l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili**. Kif enuncjat fis-sentenza a **Vol. XXIX P I p 611**, "l-*Artikolu 831 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16) jistabbilixxi principju generali applikabbli ghal kull xorta ta' obbligazzjonijiet u jaghti azzjoni ta' danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh*";

Illi minn analizi tat-talbiet attrici, jirrizulta li din hija kawza istitwita ghall-allegati danni naxxenti mill-inadempiment tal-intimat li jersaq ghall-kuntratt finali ta' twellija u konsegwenzjali ghall-okkupazzjoni u gestjoni tal-forn sakemm il-konvenut irritorna c-cwievet lura lid-Direttur tas-socjeta` attrici.

Ikkonsidrat li fil-materja ta' danni kontrattwali kull dannu reklamat ghandu necessarjament ikun konsegwenzjali ghall-agir tal-intimat in konnessjoni mal-obbligi assunti bil-ftehim milhuq.

Illi fil-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, **"Malcolm Borg vs Brian Fenech",** - 26 ta' Gunju 2009, fejn saret referenza ghall-gurisprudenza nostrana, (*vide* ad ez. **Galea Ciantar vs Galdes,** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Jannar 1898) gie ritenut li :

"*la promessa de contrahendo e` cosa diversa dal contratto che ne forma l-oggetto e puo` essere provata per mezzo di*

*testimoni anche quando per la perfezione del contratto futuro che ne forma l'oggetto fosse richiesta la solennita` di scrittura."*

Fl-istess kaz tal-Qorti tal-Appell, saret referenza wkoll ghal **Fenech vs Mifsud, (**Qorti tal-Appell, - deciza fit-8 ta' Marzu 1943) li irriteniet li meta jsir ftehim *de ineundo contractu*, kull parti ghandha dritt tobbliga l-parti l-ohra li tmur ghall-kuntratt jew li tinghata d-danni.

Illi similment gie ritenut li l-weghdiet biex wiehed jaffetwa certi kuntratti determinanti minn dejjem gew rikonoxxuti, bhal promessa ta' lokazzjoni, jew promessa ta' cessjoni ta' kreditu. (Ara **"Professor Dottor Isidoro Cassar vs Vittoria Zahra et" –** Appell Civili – 25 ta' Novembru 1935; **"Luigi Mari vs Kan. Dun Giuseppe Mari et"** (Vol XXIX pII p1212).

Kif ukoll, il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **"Bonello vs Azzopardi",** 15 ta' Gunju 1895 (vol XV p.194) intqal:

*"l'attore chiaramente deduce una promessa di futura cessione, e la dottrina distinse e la nostra giurisprudenza continua a distinguire non solo la vendita alla promessa di vendere, espressamente riconosciute dalla legge, ma in generale la promessa 'de contrahendo' dal contratto che ne costituisce l'oggetto. La promessa puo` riunire tutti I requisiti necessarie a generare un contratto preliminare nel suo genere perfetto ad obbligatorio, e puo quindi dare*

*luogo alla condanna del debitore a prestare il promesso in forma specifika o al risarcimento di danni*." (ara wkoll **"Carmelo Ciappara et vs Grazia Borg et"** Appell civili – 19 ta' Mejju 1958 u **"Saviour Fiteni et vs Louis Mazzitelli et"** P.A. (P.S.) Qorti tal-Appell Sede Inferjuri deciza fit-2 ta' Gunju 2003.

Fil-kaz in dizamina fl-iskrittura tat-23 ta' Dicembru 2000 sar ftehim fejn l-intimat ha il-pussess tal-forn u gie stabbilit il-prezz tal-avvjament fl-ammont ta' Lm12,000, li minnu ghaxra fil-mija (Lm1200) kien gja thallas lil Martin Tonna. F'din l-iskrittura giet stabbiilta kera fir-rata ta' Lm4.40 kuljum u dan ghaliex Tonna kien gja hallas il-kera tal-forn sal-4 ta' Marzu 2001. Fit-tielet klawsola l-partijiet qablu li dan il-ftehim jigi rifless f'kuntratt notarili li kellu jsir sat-tieni gimgha ta' Jannar 2001. Bir-raba' klawsola gie miftiehem li iffirmaw l-iskrittura billi qablu li kien hemm xoghol imsemmi minn Tonna ghal aktar minn sitt xkejjer dqiq.

Jirrizulta li l-konvenut kien ha c-cwievet u dahal fil-post, u beda jahdem, ghalkemm ghall-perjodu qasir. Il-ftehim inizjali li kellu l-konvenut mas-socjeta` attrici, kien validu bhala promessa ta' kuntratt, li ma avverax ruhu eventwalment. In segwitu, irrizulta li l-konvenut rega' bdielu u ma riedx jonera l-ftehim tant li qatt ma deher quddiem in-Nutar ghall-kuntratt finali, kif ikkonferma n-Nutar Antoine Agius stess (a fol 76). Il-fatt li konvenut ghazel li ma jersaqx ghall-kuntratt finali jista' jaghti lok ghad-danni purke' in-nuqqas tal-intimat mhuwiex

gustifikabbli skont il-ligi u purke' hemm ness ta' kawsalita' bejn l-inadempjenza tal-intimat u d-danni pretizi.

Hawnhekk, relevanti wkoll, f'dan il-kuntest, li jissemma l-kuncett ta' "*pre contractual liability",* li mhux imsemmi fil-ligi taghna, bhal ma jezisti f' pajjizi ohra. Izda, kien hemm diversi kawzi decizi mill-Qrati Taghna, fejn il-Qrati dejjem kienu kawti u rrespingew talbiet ghad-danni konsegwenza ta' ftehim verbali, jew negozjati biss, anke biex dan ma jservix ta' deterrent ghan-negozju nnifsu.

L-ewwel kaz fejn din il-kwistjoni giet trattata kien fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-5 ta` Mejju 1967 fil-kawza "**Giuffrida vs Borg Olivier".** Hemm inghad hekk –
*"Gia` intqal illi fil-fehma ta` din il-Qorti bejn il-partijiet kien ghad ma hemm ebda kuntratt konkluz imma kien hemm negozjati jew trattativi li eventwalment kellhom iwasslu, kieku tkomplew, ghal konkluzjoni ta` kuntratt. Issa anki jekk jinghad kif tghid is-socjeta` appellanti illi anki fil-fazi tat-trattativi tista` tezisit certa responsabilita` prekontrattwali jekk it-trattativi jigu interrotti kapricjosment (assumendo ghall-grazzja tal-argoment li din id-dottrina hi accettabbli fil-ligi taghna u li bhala fatt l-appellanti interrompew it-trattativi bla raguni gusta) ir-responsabilita`li jista` jkun hemm lok ghaliha skont l-awtoritajiet li gew sottomessi ghall-ezami tal-Qorti hi dik biss tar-rifuzjoni ta`certi danni konsistenti fil-mizura ta` dak li jissejjah interess negattiv. L-attenzjoni tal-Qorti ma giet attirata ghal ebda awtorita` u l-qorti stess ma taf bl-ebda principju li jghid illi parti wahda fit-trattativi jew*

*negozjati ma ghandhiex dritt tirrecedi minnhom jew tinterrompihom sa kemm il-kuntratt ma jkunx gie konkjuz salv talvolta biss f`certi kazi (jekk tigi accettat t-teorija tar-responsabilita` prekontrattwali) dik ir-responsabilita` ghad-danni."*

Izda, fil-kaz **"John Pullen pro et noe- vs Manfred Gunter Matysik et"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerc tas-26 ta' Novembru 1971, fejn giet trattata materja simili fir-rigward ta' weghda ta' lokazzjoni ta' hanut fil-Hotel Hilton, gie ritenut rigwardanti d-danni;

"….*it is clear that at law these are those flowing from the breach by defendant of his obligation arising from a valid agreement 'de ineundo contractu'".*

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-kuncett tad-danni, u mhux wisq fuq il-kuncett ta' 'pre-contractual liability'. B'referenza ghad-danni mitluba irribadiet li :

"*the damage to which plaintiffs are entitled are however to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise, but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way, they would be benefitting from an obligation which never came into existence."*

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Peter Fenech noe v Direttur tal-Kutratti** (PA(JZM) **- 14 ta' Frar 2012) osservat li** "Fil-*kawza appena citata* (**Pullen v Matysik)** *kien interessanti l-punt illi ghalkemm il-Qorti kienet waslet sabiex timputa htija aquiliana ghall-fatt li l-konvenut ma wasalx ghall-kuntratt,il-Qorti baqghet ma llikwidatx id-danni skont kif huma likwidati fil-kaz ta` culpa u cioe` damnum emergens u lucrum cessans izda llimitat ruhha ghall-ghoti ta` damnum emergens."* Din il-Qorti kkonkludiet li ma hemmx responsabbilita ghad-danni ghall-*pre contractual liability*. Madanakollu l-kaz imsemmi kien jittratta dwar process ta' offerti mentri l-kaz in ezami jittratta dwar promessa iskritta li ghandu ipproduci l-effetti tieghu bejn il-firmatarji, primarjament li johloq bejniethom l-obbligu li jagixxu in bona fede.

Fil-kawza "**Grixti vs Grech**" deciza fit-3 ta` April 1998, **(citata fil-kaz Fenech noe v Direttur tal-Kuntratti)** din il-Qorti diversament presjeduta cahdet it-talbiet attrici ghal danni rizultanti minn responsabbilita` prekontrattwali izda rriteniet li azzjoni simili setghet tintlaqa` fejn "*il-parti l-wahda li tkun inkorriet in buona fede certu spejjes, bl-aspettativa ta` ftehim vinkolanti bejnha u bejn parti ohra, u dik il-parti l-ohra li tkun b`kapricc u kwazi malafede jekk mhux necessarjament b`ingann jew b`qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reciproku tal-partijiet kien*

*identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim, izda ma sehhx b`konsegwenza ta` dan il-kapricc*".

Kif gja ribadiet, il-kaz odjern mhuwiex ristrett ghall-negozjati jew trattattivi, imma l-partijiet fissru l-oggett tal-ftehim u anke ghadda l-pussess f'idejn l-intimat. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-intimat ghad-*damnum emergens* soffert mir-rikorrent, ghalkemm mhux ghat-telf ta' profitt billi l-kuntratt finali ma sehhx (**Pullen v Matysik)**.

**<u>Danni:</u>**

Illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu **(Artikolu 1031 tal-Kap 16**). Jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova l-pretensjonijiet taghha u l-ezistenza tad-dannu.

Illi kif inghad fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Dr. Max Joseph Ganado noe. Vs Dr. Philip Sciberras noe"** 1658/1985/1 (NA), deciza fit-23 ta' Frar 2001 intqal li:

"*……huwa car u manifest illi d-danni li qieghed jirreklama l-atur nomine huma danni ' ex contractu' u mhux'ex delicto' ghaliex l-azzjoni kif proposta mill-attur nomine hija effettivament ibbazata fuq allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine u l-attur nomine qieghed jitlob rizarciment ghad-danni minnu sofferti per*

*konsegwenza tal-allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine."*

Illi dwar responsabbilta` ghad-danni jinghad *in linea* ta' principju jinsab enuncjat li *"hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza*." (**Vol. XLV PI p343**).

Illi dan ifisser li "*perche` possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestiere che chi reclama l'indennizzo riesce a provare non solo l-atto o l'ommissione colposa del denunciato, ma altrese che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'istanti."* (Ara **"Giovanni Sare vs Carmelo Farrugia et"** – A.C. – 6 ta' Frar 1928).

Imbaghad fil-kaz **"Aquilina vs Schembri"**- Qorti tal-appell- 24 ta' Jannar 1969, gie rilevat li: "l-*kwistjoni ta' x'inhu ragonevoli li jaghmel id-dannegjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi kkonsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku tibqa' fuq il-konvenut."*

Fil-kaz in ezami, s-socjeta` attrici qed titlob ghas-segwenti danni:

1. Telf ta' bilanc ta' prezz miftiehem, u cjoe` ghall-ammont ta' ghaxart elef u tmien mitt Liri Maltin (Lm10,800) hekk kif

jidher fil-ftehim a fol 8. Is-socjeta` attrici sostniet ukoll li meta ttrasferixxa l-forn in kwistjoni lil terzi, lil Yassine Khaled (fol 16-18), l-ammont kien ta’ sebat elef Liri Maltin (Lm7,000) li huwa ammont hafna anqas minn dak li se jhallas il-konvenut.

2. Il-kirja li kienet diga thallset mis-socjeta` attrici, u cjoe` sal-4 ta’ Marzu 2001.

3. Il-flus li s-socjeta` attrici kienet taqla’ li kieku l-forn baqa’ f’idejh (Is-socjeta` attrici sostniet li kienet taqla’ hamsin Liri Maltin (Lm50) kuljum.

4. Is-socjeta` attrici qed titlob danni wkoll rigwardanti ftehim ma’ terza persuna li ma giex konkljuz, u falla minhabba li l-konvenut Mula kien rega’ lura mill-ftehim dwar il-forn in kwistjoni.

5. Is-socjeta` attrici qed titlob danni dwar hsarat fil-forn li sehhew matul iz-zmien li l-konvenut Mula kien dahal u hadem fil-forn sa ma radd lura c-cwievet.

6. Is-socjeta` attrici qed titlob hlasijiet ta’ uzu ta’ servizz ta’ l-ilma u dawl, ghall-uzu li l-konvenut kien ghamel matul iz-zmien li dam fil-fond.

Fil-kaz, in ezami, ghalkemm il-konvenut Mula fil-fatt, rega’ lura mill-ftehim esebit fol 8, baqa' ma ffirmax kuntratt finali. Madanakollu kien lehaq hallas id-depozitu ta’ Lm1,200 lis-

socjeta` attrici (hekk kif jidher mir-ricevuta ta' depozitu a fol 7), liema depozitu ma ntraddx lura, u nzamm mis-socjeta` attrici. Ghalhekk, ghalkemm, Mula ma resaqx ghall-kuntratt quddiem, in-Nutar huwa kien lehaq hallas l-ammont ta' Lm1.200. L-intimat ma ressaqx talba ghar-rifuzjoni ta' din is-somma u l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li s-socjeta` attrici ghandha zzomm dan id-depozitu izda l-pretensjoni tas-socjeta` attrici ghall-bqija tal-flus hija inammissibbli skont il-principji fuq enuncjati (ara **Pullen v Matysik** fuq riferut).

Jigi ritenut ukoll li s-socjeta` attrici sostniet li Mula waqqa' l-valur tal-avvjament tal-forn, u kien ghalhekk, li meta ttrasferixxa l-forn lil Yassine, eventwalment thallas inqas peress li l-prezz imbaghad kien ta' sebat elef Liri Maltin (Lm7,000). Ikkonsidrat li l-intimat kien ilu fil-pussess tal-forn biss mis-26 ta' Dicembru 2000 sal-10 ta' Frar 2001, perjodu ftit wisq biex tali allegazzjoni tal-attur tkun verosimili. Inoltre s-socjeta` attrici, ma rnexxilhiex tipprova dan sufficjentement a sodisfazzjon tal-Qorti. Fil-fatt, ix-xhud Mary Agius xehdet li hija kienet baqghet tixtri l-hobz minghand Mula u xorta kien hobz tajjeb.

Illi s-socjeta` attrici sostniet ukoll, li uzat id-depozitu tal-konvenut sabiex dahlet fi ftehim ma' terza persuna, ghal fond iehor, konsistenti f' 'confectionery' f'Rahal Gdid. Illi sahansitra, Tonna d-Direttur tas-socjeta` attrici sostna li huwa nefaq anke flus ghal dan il-fond fir-Rahal Gdid ghal manutenzjoni u xiri ta' *appliances*. Ma giex ippruvat mis-

socjeta` attrici in-ness ta' kawzalita bejn l-agir tal-intimat l-fatt li dan il-ftehim ma' terzi ma giex konkluz. Illi kull ftehim iehor li s-socjeta` attrici, jew id-direttur Tonna seta' ghamel ma' terzi, m'ghandu l-ebda konnessjoni mal-ftehim u trattattivi li kien hemm bejn il-partijiet fil-vertenza odjerna u hija *res inter alios acta.*

Fir-rigward, tal-pretensjoni tas-socjeta` attrici, li tithallas Lm50 kuljum ghaz-zmien li kien dam fil-fond il-konvenut, din il-pretensjoni mhix sostenibbli. L-ammont ta' Lm50 kuljum jirraprezenta telf ta' profitt u ghalhekk huwa kwantifikabbli bhala *goodwill* tal-forn. L-avvjament kien l-oggett tal-kuntratt finali, u gjaladarba dan il-kuntratt ma giex finalizzat, allura mhuwiex permissibbli ghar-rikorrenti li tippretendi l-hlas li mhu xejn hlief hlas in parti ta' dan l-avvjament.

Rigward il-kirja mhallsa mis-socjeta` attrici sal-4 ta' Marzu 2001 ghall-forn mertu tal-kaz, jigi dedott li mill-provi jirrizulta li z-zmien li dam fil-fond il-konvenut kien mis-26 ta' Dicembru 2000 sal-10 ta' Frar 2001. Illi dan ikopri l-perjodu sa kemm kien imhallas l-kirja u cjoe` sal-4 ta' Marzu 2001. Illi hemm imnizzel fil-ftehim a fol 8 li fil-fatt is-socjeta` rikorrenti kienet hallset il-kera sal-4 ta' Marzu 2001, u li l-konvenut kellu jhallas l-ammont ta' erba' Liri Maltin u erba' centezmi (Lm4.40) kera kuljum. Illi ladarba dan kien imnizzel fil-kuntratt a fol 8 meqjus bhala *promessa de contrahendo*, dan l-obbligu tal-konvenut jitnissel mill-ftehim innifsu.Ghalhekk l-intimat ghandu

jithallas l-ammont ta' erba' Liri Maltin u erba' centezmi (Lm4.40) ghaz-zmien li dam fih li jammonta ghal mitejn u tnejn Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm206.80) ekwivalenti ghal (€481.84).

Is-socjeta` attrici sostniet li sofriet danni fil-forn in kwistjoni wara li kien qed jiggestixxi l-forn il-konvenut, u dan jidher mir-ritratti esebiti (fol 13-15) u jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' George Galdes. Irrizulta mill-provi li thallas l-ammont ta' mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm120) sabiex isiru t-tiswijiet fil-forn. Il-Qorti hija soddisfatta li dan l-ammont ta' mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm120) huwa dovut ekwivalenti ghal mitejn, disgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€279.60).

Fl-ahharnett, gie mitlub mis-socjeta` attrici li l-konvenut ghandu jhallas l-ammont dovut ghas-servizzi ta' dawl u ilma matul il-perjodu li dam fil-fond. Illi s-socjeta` attrici esebiet il-qari tal-arlogg a fol 12 tal-process, fid-data tal-10 ta' Frar 2001 meta radd lura c-cwievet il-konvenut. Izda, ma gie esebit l-ebda kont tad-dawl u ilma mis-socjeta` attrici ghalkemm ittiehed ir-*reading* meta l-konvenut irritorna c-cavetta lura. Il-Qorti ghalhekk ser tillimita ruhha biex tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-ispejjez utili ghall-perjodu imsemmi.

Illi dan premess, l-ewwel u t-tieni talbiet attrici kif ifformulati, huma bla bazi legali u qed jigu michuda.

Fid-dawl ta' dan kollu premess ser tiddisponi mit-talbiet attrici billi tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-inadempjenza tieghu li jersaq ghall-kuntratt finali u tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' seba' mija, wiehed u sittin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€761.44) rapprezentanti kera pagabbli ghall-perjodu bejn is-26 ta' Dicembru 2000 sal-10 ta' Frar 2001 u ghat-tiswijiet fil-forn. Inoltre l-intimat huwa responsabbli ghall-hlas tas-servizzi utili tad-dawl u l-ilma ghall-forn ghall-istess perjodu.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tiddikjara lill-konvenut responsabbli lejn is-socjeta` attrici ghad-danni u filwaqt li **tichad l-ewwel u t-tieni talbiet attrici;** tiddisponi mit-talbiet rimanenti billi **tilqa 't-tielet talba** u tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' seba' mija, wiehed u sittin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€761.44) rapprezentanti kera pagabbli ghall-perjodu bejn is-26 ta' Dicembru 2000 sal-10 ta' Frar 2001 u ghat-tiswijiet fil-forn; **tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici din is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kif ukoll li jhallas lill-istess socjeta` attrici l-ispejjez tad-dawl u ilma ghall-perjodu bejn is-26 ta' Dicembru 2000 sal-10 ta' Frar 2001.

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**